# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs**

**Stefan Cutajar**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` **Stefan Cutajar**, karta tal-identita' bin-numru 203984M fejn *in breve* ġie mixli talli f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi, magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda :-

1. talli fi 09 ta' Settembru 2013 u fil-jiem ta' qabel, lqajt ghandek, jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom u cioe' vettura tal-ghamla Toyota Corolla numru ta' reg. HAH 871 ghad-detriment ta' Maria Rita Parnis u/jew persuna/i ohra *(art.334 Kap.9 ta' Ligi ta' Malta)*
2. talli fi xahar ta' Settembru 2013, ghal habta ta' 07.00pm, minn Triq Qormi, Marsa ikkommettejt serq ta' 'stereo' tal karozza, ta ghamla mhux maghrufa, ikkwalifikat bil-valur u li sar ghad-detriment ta' persuna mhux maghrufa:

3. talli f 09 ta' Settembru 2013, ghal habta ta' 06.00pm, minn Triq Belt il-Hazna Marsa, ikkommettejt serq ta' 'generator', min go vettura numru ta registrazzjoni BOV595, tal ghamla Tata, ikkwalifikat bil-valur u li sar ghad detriment ta' Lawrence Desira karrta ta' Identita' 0214381 m u/jew ta' persuni ohra;

4. talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema ammont mhux maghruf, ghad-dannu ta' Lawrence Desira karrta ta' Identita' 0214381 m u/jew ta' persuni ohra;

5. u aktar talli fi-istess data, lok, hin u cirkostanzi, lqajt ghandek, jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom;

6. Nakuzaw lil Stefan Cutajar aktar talli fl istess dati, hinijiet, postijiet u cirkostanzi soqt vettura b' numru ta' registrazzjoni HAH871 ta' l ghamla Toyota minghajr ma kienet koperta b’polza ta' assikurazzjoni ghal terzi persuni. Kap 104 art 3 (1);

U lil **Stefan Cutajar** nakkuzawh aktar talli ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija nhar id-19 ta' Mejju 2010 mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli lld;

U talli ksirt il-provedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap.446 ta' Ligijiet ta' Malta b'sentenza mogntija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata il-21 ta' Frar 2011;

U aktar talli ksirt Pobation Order b'sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) datata fil-05 ta' Gunju 2013;

U aktor talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr M. Hayman LL.D, u dan waqt li kien mehlus mill-arrest taht garanzija personali u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmi reat, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr M. Hayman LL.D LL.D u tordna l-arrest mill-gdid ta' Stefan Cutajar. Kif ukoll, li tordna li somma ta' flus bhala garanzija personali ligew iroposti fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulata fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Lijiet ta' Malta;

Nakkuzawh ukoll talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistawx jinbiddlu Art.49, 50 u 289 Kap.9 Ligi ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Rat li matul is-seduta tal-11 ta' Settembru 2013 l-Uffiċjali Prosekuturi Carlos Cordina u Carol Fabri ikkonfermaw bil-ġurament l-imputazzjonijiet kontra l-imputat.

Rat li matul il-kors tal-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-Avukat tal-

Għajnuna Legali Dr. Anthony Cutajar, stqarr li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Rat li l-Qorti bdiet tiġbor il-provi f'dan il-każ u rat ukoll id-diversi rinviji mibgħuta mill-Avukat Ġenerali.

Rat id-dokumenti kollha prodotti, inkluż l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat kif ukoll il-fedina penali tiegħu.

Semgħet ukoll ix-xiehda prodotti inkluż id-deposizzjoni tal-imputat.

Rat li permezz ta' nota ta' rinviju għall-ġudizzju datata 24 ta' Ġunju 2015, l-Avukat Ġenerali deherlu li mill-Kompilazzjoni hawn fuq imsemmija, tista tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub fil-konfront ta' **Stefan Cutajar** fl-Artikoli 17, 18, 28B, 31, 49, 50, 261(c), 267, 279(a), 289, 325, 334, 532A, 533, 579 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll tal-Artikoli 21 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk iddeċieda li taħt dak maħsub fl-Artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali jibgħat lill-imputat hawn fuq imsemmi sabiex jigi ġġudikat minn din il-Qorti u għalhekk bagħat lura l-atti tal-Kompilazzjoni sabiex din il-Qorti tipproċedi skont il-Liġi;

Rat li matul l-udjenza tal-15 ta' Lulju 2015 l-Uffiċjali Prosekuturi iddikjaraw li l-Prosekuzzjoni ma kellhiex aktar provi x'tipproduċi f'dan il-każ;

Rat li matul l-istess seduta din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, wara li qrat l-istess nota fil-preżenza tal-imputat, staqsietu jekk kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, wieġeb li ma' kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali u ddeċidiet li tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi matul id-deposizzjoni tal-imputat huwa stqarr li kien jirrikonoxxi l-involviment tiegħu fir-rigward (tas-serqiet) tal-generator u l-istereo. Din il-Qorti fehmet li din kienet forma t'ammissjoni tal-imputat fir-rigward tal-fatti li taw lok lill-Prosekuzzjoni timputa t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet.[1] Mill-banda l-oħra huwa essezjalment ċaħad l-involviment tiegħu fir-rigward tal-kumplament tar-reati kontestati lilu.

Żied jgħid ukoll li huwa kien diġa ġie trattat in ġudizzju fir-rigward tal-allegat twettieq ta' reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża komminata lilu minn din il-Qorti presjeduta mill-Maġistrat Dottor Saviour Demicoli, kif ukoll li kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-

[1] (u dan minbarra l-ħames imputazzjoni li din il-Qorti qegħda tikkonsidra li ingħatat bħala li kienet alternattiva għas-serq imputat fit-tieni u t-tielet imputazzjonijiet)

Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta datata 21 ta' Frar 2011, nonche li huwa kiser il-probation order mogħtija lilu permezz ta' sentenza datata 5 ta' Ġunju 2013. Illi wara verifika li saret ukoll mill-Uffiċjal Prosekutur jirriżulta li dak mistqarr mill-imputat dwar dawn il-punti kien huwa sostanzjalment minnu.

Għalhekk din il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-ġudizzju tagħha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' dawn it-tliet imputazzjonijiet sussidjarji in kwantu diġa ġew eżawriti preċedentement in kwantu l-imputat kien diġa ġie trattat dwarhom.

***Ikkunsidrat : -***

**<u>L-ewwel imputazzjoni – riċettazzjoni tal-vettura HAH 871</u>**

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni resqet prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-istess vettura kienet ġiet misruqa a dannu ta' Maria Rita Parnis. Ġie soddisfaċentement ippruvat ukoll li fil-jum inkriminat din il-vettura kienet misjuqa mill-imputat u li fiha kien hemm ukoll *res furtiva* oħra. Biss jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat kien jaf li l-vettura in kwistjoni kienet misruqa jew meħuda b'qerq, jew akkwistata b'reat jew b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħha jew imexxiha. Ix-xiehda ta' Roderick Tabone (a fol 254 et) dwar kif din il-karozza waslet f'idejn l-

imputat hija għal kollox inutli. Huwa jiċħad li kellu x'jaqsam mal-imputat f'dan ir-rigward. L-imputat jixhed li kien dan Tabone li tah iċ-ċwievet wara li kien imħajjar jixtriha minn għandu u jiċħad li huwa kien jaf li din kienet misruqa. Mill-banda l-oħra il-maġġor parti tal-evidenza li ppreżentat il-Prosekuzzjoni hija ta' natura ċirkostanzjali, li pero mhix univoka.

Din il-Qorti tqis li minkejja l-imputat inqabad fis-sewqan ta' din il-vettura li kienet misruqa, hija ma tistax serenament tikkonkludi, fuq l-iskorta tail-provi prodotti li l-Prosekuzzjoni b'daqshekk ippruvat din l-imputazzjoni sal-grad rikjest mill-Liġi. Il-Prosekuzzjoni riedet tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat kien jaf jew kellu għaliex jissuspetta li l-oġġett in kwistjoni kellu provenjenza illeċita.[2] Anzi l-imputat jiċħad li huwa kien jaf li l-vettura de quo kienet misruqa u fl-ebda mument ma tresqet prova li turi li huwa ssuspetta li dil-vettura kienet ġejja minn provenjenza illeċita. F'dan il-każ dan il-grad ta' prova ma ġiex milħuq.

---

[2] Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali : ***Il-Pulizija vs. Vincent Abela***, deċiża nhar l-24 ta' Mejju 2016 fejn ġie deċiż illi : -

> Illi skont il-gurisprudenza "sabiex persuna tinsab hatja ta' ricettazzjoni huwa mehtieg li jinkorru s-segwenti tlett rekwiziti:
> 1. Il-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni;
> 2. L-akkuzat irid ikun laqa' ghandu jew xtara tali oggett li ghandu provenjenza illegittima: u
> 3. Fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza illegittima tal-oggett in kwistjoni."
> Illi l-element formali ta' dan ir-reat huwa li l-akkuzat kien konsapevoli tal-provenjenza llecita tal-oggett suggett ghar-ricettazzjoni u dan ir-rekwizit jista' jigi ppruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indiretti. Gie ritenut li:
> "Min jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom missu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza llegittima, u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghlaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricetazzjoni".

**<u>It-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet</u>**

Minn dak li xehed l-imputat, dil-Qorti fehmet li huwa kienet qiegħed jassumi l-"paternita'" ta' dawn iż-żewġt serqiet. Għalkemm ir-rendikont tiegħu dwarhom ma kienx wieħed kjarissimu, dil-Qorti fehmet li huwa ried jistqarr l-involviment tiegħu dwarhom, fis-sens li kien hu li seraq il-ġeneratur u l-istereo meritu tat-tieni imputazzjoni. Il-Qorti tifhem ukoll li f'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni tat dawn l-imputazzjonijiet ta' serq u riċettazzjoni fil-ħames imputazzjoni b'mod alternattiv. Din il-Qorti tqis li l-ammissjoni tal-fatt li kien involut f'dan is-serq ta' ġeneratur u stereo kienet waħda li biha l-imputat ried juri lill-Qorti li huwa kien lest li jġorr ir-responsabbilta' tiegħu għal dak li huwa verament kien wettaq, fil-waqt li kompla jipprotesta l-innoċenza tiegħu fir-rigward tal-kumplament tal-imputazzjonijiet l-oħra kontestati lilu.

Illi pero dato li assuma l-paternita' tas-serq tal-ġeneratur, jirriżulta wkoll pruvat sal-grad rikjest mill-Liġi li l-vettura li minnha ġie misruq l-istess ġeneratur saritilha ħsara fit-tkissir ta' tieqa biex ikun jista' jsir dan is-serq. Dan jirriżluta b'mod ċar anke mix-xiehda ta' sid il-vettura Larence Desira a fol 113 et seq.

Il-valur tal-ħsara fil-vettura de quo ma ġiex ben stabbilit. L-istess jista' jingħad għall-valur tal-ġeneratur. Il-prova li tresqet dwar il-valur tal-istess ġeneratur varjat bejn €230 sa' €350, b'sid l-istess ġeneratur jistqarr li ma kienx daqshekk ċert u tefagħha għal saqajha bl-espressjoni "ghamilha mitejn u hamsin"…

**Is-sitt imputazzjoni**

Illi l-Prosekuzzjoni pruvat li l-imputat kien qiegħed isuq il-vettura HAH 871 fil-jum inkriminat. Ġie ppruvat ukoll li d-dokument tal-assikurazzjoni muri mill-imputat lill-PC301 Warren Vella ma kienx jaqbel mad-dettalji indikati fir-road licence, u dan peress li ma kienux jirreferu għall-istess karozza. Biss minn din il-prova, ma jirriżultax lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat ma kellux polza tal-assikurazzjoni maħruġa fuq ismu fir-rigward ta' dik il-vettura.

Għal darb'oħra, il-fatt li l-vettura irriżultat li kienet misruqa, ma kienx jeżenta lill-Prosekuzzjoni milli tipproduċi l-prova li l-imputat ma kienx kopert b'polza tal-assikurazzjoni.[3] Il-Prosekuzzjoni kienet marbuta li ġġib din il-prova u f'dan il-każ dan ma għamlitux. Iwassal dan biex iġiegħelha tikkonkludi li bħal fil-każ tal-ewwel imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni ippruvat li probabbilment ma kellux din il-kopertura assikurattiva; iżda din il-Qorti ma tistax tasal li ssib ħtija in bażi għal prova li twassalha għall-konvinzjoni sal-grad tal-probabbli. Għalhekk mhix ser issibu ħati ta' din l-imputazzjoni.

[3] Bħal per eżempju tiġi prodotta l-prova tal-polza tal-assikurazzjoni li tkopri l-vettura in kwistjoni, fejn għal fini ta' kopertura assikurativa, setgħu ikun koperti mhux biss is-sid jew sewwieq regolari tal-vettura de quo iżda wkoll sewwieq/a oħra imsemmija fil-polza, bħal per eżempju sewwieqa l-fuq minn ħamsa u għoxrin sena, eċċetra.

**Is-seba' tminn u disa' imputazzjonijiet**

Illi din il-Qorti diġa stqarret li hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża li l-imputat kien diġa ġie preċedentement trattat għal dawn l-imputazzjonijiet u għalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom.

**L-għaxar u l-ħdax imputazzjonijiet**

Illi f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni ippruvat li l-imputat kien suġġett għal kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest b'digriet mogħti minn din il-Qorti presjeduta mill-ġja Maġistrat Miriam Hayman kif jidher a fol 148 u kif sussegwentement emendat. Dak li din il-Qorti pero hija perplessa dwaru huwa l-fatt li għalkemm il-Prosekuzzjoni ippruvat soddisfaċentement li kien hemm dan id-digriet, donnha ħaditu bħala fatt skuntat li fil-jum tal-allegati reati imputati, l-istess imputat kien għadu soġġett għal dawn il-kundizzjonijiet.

Fil-fehma ta' din il-Qorti mhux biżżejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova li f'xi żmien determinat persuna tkun suġġetta għal kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrrest u li allura ladarba tkun qed timputa dak il-ksur *multo magis* ikun ifisser li fil-mument tal-kommissjoni tar-reat/i l-imputat kien għadu suġġett għal tali kundizzjonijiet. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova wkoll lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li fil-jum inkriminat, l-imputat **kien għadu suġġett għal dawk il-kundizzjonijiet minħabba li l-istess proċeduri kienu għadhom pendenti kontra tiegħu**. Din l-aħħar

prova fil-fatt ma nġiebetx. Din il-Qorti għalhekk ma tistax tqis li dawn iż-żewġt imputazzjonijiet ġew pruvati kif trid il-Liġi.

**<u>It-tnax il-imputazzjoni</u>**

Mhux l-istess jista' jingħad għall-addebitu tar-reċidiva. Il-Prosekuzzjoni pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni permezz tas-sentenzi eżibiti minnha, u partikolarment a fol 160, 164 u 188, li l-imputat kien reċidiv fit-termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Liġijiet ta' Malta.

## ***<u>Decide :-</u>***

Li wara li rat l-Artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali aktar il-fuq imsemmija u ċjoe fl-Artikoli 17, 18, 28B, 31, 49, 50, 261(c), 267, 279(a), 289, 325, 334, 532A, 533, 579 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll tal-Artikoli 21 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ħames imputazzjoni[4] u tastjeni wkoll milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tas-seba', tminn u disa' imputazzjonijiet stante li hemm qbil bejn il-partijiet li dawn kienu ġew diġa imputati lill-imputat fi proċeduri separati preċedentement, għar-raġunijiet premessi ssibu mhux ħati tal-ewwel, is-sitt, l-għaxar u l-ħdax l-imputazzjoni u minnhom tilliberah minn kull ħtija u piena filwaqt li ssibu ħati tat-tieni, it-tielet, ir-raba' u t-

[4] in kwantu din ġiet imputata lill-imputat bħala alternattiva għat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet

tnax l-imputazzjoni[5] u wara li qieset li f'dan il-każ ma tistax tqis l-ammissjoni għall-fatti imsemmija fit-tieni u t-tielet imputazzjonijiet bħala li kienet xi ammissjoni bikrija, u li minkejja li l-imputat kien ingħata diversi opportunitajiet biex ibiddel ħajtu huwa minflok baqa' jippersisti fit-triq il-ħażina tal-ksur tal-Liġi kriminali u b'mod partikolari fis-serq u b'hekk irrenda ruħu reċidiv in partikolari dak ta' serq kwalifikat, il-Qorti tikkundannah għall-piena komplessiva ta' **<u>sena u nofs</u>** priġunerija.

***Mogħtija illum il-ħamsa (5) t'Ottubru elfejn u sittax (2016) fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***

[5] b'dan li qegħda għall-fini ta' piena tikkunsidra r-raba' imputazzjoni bħala li hija assorbita fit-tielet imputazzjoni in kwantu l-ħsara fil-vettura BOV 595 serviet bħala mezz għall-fini biex jitwettaq is-serq kwalifikat imputat fit-tielet imputazzjoni